KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 61

Il-wieħed u sittin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2016 fis-6.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** | Kris Busietta | Vici Sindku |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Punti mqajma mill-Minuti*
3. *Komunikazzjoni mis-Sindku*
4. *Korrispondenza*
5. *Approvazzjoni tal-Pagamenti*
6. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
7. *Aġġornament*

61.1 **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

61.1.1 Qabel l-approvazzjoni tal-minuti saret diskussjoni u kien hemm qbil biex jitwaħħlu siġar fi Triq Dingli kif ġej: *Siġar fi Triq Dingli*
a. sittin (60) siġra jitwaħħlu fi zmien sentejn f'zewg fazijiet
b. il-Kunsill għandu jikkonferma l-prezzijiet li ser jthallsu mill-*sponsors* tal-progett,
c. il-Kunsill isegwi mal-permessi tat-TM u PA
d. jiġu mmarkati t-toqob (il-Kunsill kien diga qabel li dawn jigu immarkati mill-Kunsilliera P Radmilli u J Pillow)
e. jiġu mħawwla s-siġar.

61.1.2 Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni 60_28/09/2016.

61.1.3 Is-Sindku talab korrezzjoni f'punt 2.3 li tizdied il-kelma 'attrezzati' wara l-kelma 'infurmati'.

61.1.4 Il-Kunsillier J. Pillow talab li ssir korrezzjoni f'punt 2.7 biex l-aħħar biċċa tal-frazi tinqara '....biex jinforma dwar din il-problema'

61.1.5 Is-Sindku talab li ssir korrezzjoni f'punt numru 3.10 sabiex l-aħħar biċċa tal-frazi tinqara '....ressqu *draft letter of intent* li din ġiet iċċirkulata'.

61.1.6 Saru korrezzjonijiet f'punti 8.2 u 8.5 li d-dati għandhom jinqraw 14 ta' Ottubru minnflok 15 ta' Ottubru 2016.

61.1.7 Il-Kunsillier P. Radmilli talab li ssir korrezzjoni f'punt 7.6 li tkun frazi waħda u titkompla ' Dwar il-*European Week of Waste Reduction*, il-Kunsill ....

61.1.8 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

61.2 **PUNTI MQAJMA MIL-MINUTI**

61.2.1 Dwar punt 2.1 is-Sindku informa li l-*outdoor gym* hu ppjanat li jitlesta għall-aħħar ta' Novembru 2016 *Outdoor gym*

61.2.2 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar punt 2.3 u jekk wassalx xi rapport mil-AC Sammut tat-Tourism Police. Is-SE informa li kiteb izda għadu ma kellux risposta. Is-Sindku qal li ġie infurmat li qiegħed *Tourism Police*

jiġi organizzat proċess sħiħ biex jitneħħew l-irregolaritajiet fix-Xatt permezz ta' *policies* u li se jiġi inkluz il-*promenade* ukoll.

61.2.3 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa dwar punt 2.4 u għal meta ġiet differita d-data tas-smiegħ tal-kaz tar-*Regina car park.* Il-Kunsillier P. Radmilli qal li meta l-kaz ikun differit il-partijiet konċernati ma jiġux awtomatikament infurmati. Is-SE għandu jistaqsi lil EPRT għad-data tas-smiegħ. *Regina car park*

61.2.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 2.6 dwar it-trasport għad-Day Centre u qal li wara li kellu kommunikazzjoni mals-Segretarjat tal-Onor. Justyne Caruana se jkun qiegħed jiħareġ tender mill-istess Ministeru. *Trasport Day Centre*

61.2.5 Dwar il-*Cleaning Strategy* il-kumitat għad irid jiltaqa. Il-Kunsill P. Radmilli issuġġerixxa li l-hin li jiltaqa l-kumitat ikun f'xi t-8am. *Cleaning Strategy*

61.2.6 Dwar punt 3.5 il-Kunsill kien talab lil Lands għal kuntratt dwar il-proġett MIDI. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet kif ukoll lis-*Superintendent of Cultural Heritage* sabiex jaraw li l-konsortju MIDI qieghed jimxi mal-kuntratt. Sadanittant il-Kunsillier J. Pillow informa li hu flimkien mas-Sindku u P Portelli kienu ltaqgħu mal-Bord tal-MIDI b'mod informali u laħqu ftehim dwar il-*foreshore biex* titnehha grada li kienet ta' ostakolu għall-access liberu tal-pubbliku. Il-Kunsill ġie infurmat li issa l-kosta hi aċċessibbli għall-pubbliku. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera li tinħareġ stqarrija għall-istampa fejn ninfurmaw li l-Kunsill wasal fi ftehim. Il-Kunsillier J. Pillow għandu jgħaddi l-email li qara fil-Kunsill lis-SE biex isir il-wording. *MIDI*

61.2.7 Dwar punt 3.13 dwar id-direzzjoni tat-traffiku minn Blanche Huber għal Trejqet Sant'Injazju, is-SE għandu jerġa jistaqsi lit-TM ghall-approvazzjoni, peress li dawn tal-ahhar baqghu ma wegbux. *Direzzjoni tat-traffiku*

61.2.8 Dwar punt 3.14 dwar *reserved parking* ta' persuni b'dizabilita, il-Kunsill qabel li għandu jagħtti n-numri tal-vetturi ta' dawk li għadhom indikati fuq it-tabelli, u jiġu skont ir-regolamenti tal-KNPD. *Tabelli reserved parking*

61.2.9 Dwar punti 5.3 dwar iz-zebra crossing għal Triq Dingli, il-Kunsill għandu jiċċekkja għaliex dik kellha tkun temporanja. *Zebra Crossing – Triq Dingli*

61.2.10 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li se jkun hemm proġett bl- *Zebra Crossings*

approvazzjoni ta' TM biex isiru 4 zebra crossings. Ġew diskussi Triq Rudolfu (x2), Triq Santa Marija u Triq i-Kbira. Is-SE spjega li dawn jistghu isiru bis-solar sabiex nifrankaw il-flus. Il-Kunsillier J.Pillow qal li nistghu inzidu floodlight maghhom *floodlight* u jaqbad mas-*street lighting*.

61.2.11 Is-Sindku informa li l-Kunsill għandu jagħmel ftuħ tal-Berga li tiġi kombinata mal-*computer centre* kif ukoll tal-outdoor gym.

61.2.12 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li l-Kunsill kien qabel biex isiru facebook adverts bit-*timetables* tal-ġbir tal-iskart. Il-Kunsillier P. Portelli għandu jibgħat *online version*. *Hinijiet ta' ġbir ta' skart*

61.2.13 Dwar il-ħinijiet il-ġodda tal-ġbir tal-iskart il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-kuntrattur SRF biex jibdew minn Jannar 2017 għaliex fl-aħħar seduta il-Kunsill kien ġie innotat li jista jagħmel dan minn Frar 2017. B'hekk il-kalendarju tas-sena 2017 li se jiġi ppubblikat fil-magazin ikun ta' sena sħiħa u jkun hemm inqas diffikultajiet mill-pubbliku.

**61.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINKDU**

61.3.1 Is-SE prezenta *Evaluation Reports* dwar it-tenders li l-Kunsill ħareġ sejħa għalihom u l-evalwazzjoni sussegwenti mill-bord appuntat mill-Kunsill li kien jinkludi lis-Sindku bhala Chairman, u l-membri P Radmilli, J Pillow u M Aquilina.

61.3.2 Fir-rigward tat-tender 'Gnien Indipenendenza Lighting', intefgħu tlett offerti. It-tlett tenders kienu *compliant* mal-ispecific conditions wara li dawn gew analizzati f'rapport mill-inġinir mqabbad mill-Kunsill Lokali. Il-kumitat irrakomanda li tintghazel l-irħas offerta. Il-Kunsill qabel dwar dan. Il-kuntratt ingħata lil MM Installations Ltd. *Tender – Gnien Indipendenza Lighting*

61.3.3 Fir-rigward tat-tender tal-manutenzjoni ta' gonna, z-zewġ offerenti kienu Environmental Landscapes Consortium u Progressive Solutions. Iz-zewġ tenderers kienu *administratively* u *technically compliant*. Il-kumitat kien qed jirrakomanda li l-kuntratt jinghata lill-irhas offerent, u voldieri, lill-Environmental Landscapes Consortium. Il-Kunsill qabel. *Tender – Gonna*

61.3.4 Is-SE fakkar li l-Kunsill irid jibda jevalwa tenders oħra ta' Road Resurfacing, Accountancy Services u manutenzjoni ta' Tabelli u

Sinjali.

61.3.5 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li din se tkun l-ewwel darba li l-proċedura se tkun bi proċess *online* u saqsa x'jiġri f'kaz l jkun hemm prezz redikolu li l-Kunsill ikun jaf ix-xogħol li jirrikjedi ta' dak li jkun qiegħed jitlob ikun jiswa ferm aktar. Is-SE qal li l-ligi hi cara, li ghanda dejjem terbah l-irhas offerta sakemm din tkun *administratively* u *technically compliant*. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li f'dawn il-kazijiet jista ma jkunx hemm bzonn li jiltaqa kumitat għaliex m'hemmx x'tiddiskuti. Il-Kunsilliera M. Aquilina taqbel li jingħata ċans lil ħaddieħor.

61.3.6 Is-SE fakkar ukoll li l-kunsilliera jridu jiltaqghu qabel ma jiskadi kuntratt biex jiġu mfassla l-kundizzjonijiet tat-tender xi erbgha xhur qabel dan jiskadi. Is-SE qal li dan mhux qed isir. Is-SE irrifera ghal-kuntratti li ser ikunu qed jiskadu kmieni s-sena d-diehla u li l-Kunsilleira iridu jiddeciedu fuq numru ta' *specific conditions* fit-tender relattiv taghhom.

61.3.7 Il-Kumitat għat-tenders li jmiss, dawn msemmija f'punt 61.3.4, se jkun magħmul mis-Sindku (Chairman), is-Segretarju Ezekuttiv, il-Kunsillier M. Briguglio, il-Kunsillier D. Muscat u Kunsillier ieħor li għad irid jiġi deċiz.

**61.4 KORRISPONDENZA**

61.4.1 Is-Sindku informa li l-permess ta' sabiex jintradam *ditch* fil-blat li hemm Exiles gie approvat mill-Awtorita tal-Ippjanar.

**61.5 APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI**

61.5.1 Tressqet il-lista tal-pagamenti għall-approvazzjoni.

61.5.2 Il-Kunsill ġie infurmat li l-pagament ta' punt numru 6 li kien depozitu lil Tigne Point għal uzu tad-dawl, ġie ritornat.

61.5.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-pagamenti tal-Mica Med dwar it-tiswija ta' bozoz. Il-Kunsill issuġġerixxa li meta tinbidel bozza shiha għandha ssir LED. Il-Kunsilliera M. Briguglio u P. Radmilli saqsew min qiegħed jiċċertifika dawn it-tibdiliet. Is-SE qal li dan huwa xoghol il-contracts manager ACB Architects. Wara diskussjoni sħiħa, il-Kunsill qabel li għandu jaħdem direttament mal-kuntrattur tad-dawl u johrog mill-Kumitat tat-tiswija tad-dwal tat-toroq. Is-SE għandu

jerġa jkellem lid-DLG dwar il-ħruġ ta' tender ta' *street lighting*.

61.5.4 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar il-pagament numru 85 indirizzat lill-*Laughing Matters*. Innotat li l-prezz kien ferm wieħed għoli meta jiġi komparat ma' *performances* oħra. Is-SE qal li kien diga irrimarka dan mal-Kunsillier D Muscat, fejn gie rimarkat li dak il-prezz ma hux biss ta' *performance* izda ukoll ta' ricerka li jkolla ssir dwar l-istorja ta' Tas-Sliema biex fuqha tigi ibbazata l-*performance*.

61.5.5 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar pagament numru 27. Is-SE informa li dan huwa dwar ir-riċerki fuq permessi ta' bini u l-ittri li jintbgħatu lill-PA.

61.5.6 Is-Sindku informa li kien hemm kaz partikolari ta' appell ta' zvilupp ta' lukanda fi Triq Borg Olivier fejn ma kienx hemm zmien li jistenna l-Kunsill jiltaqa għaliex kien se jagħlaq id-data li fiha setgha isir appell. Is-Sindku qal li kien jippreferi li l-Kunsill kien ikun infurmat qabel, izda skont ċ-ċirkustanzi, kellu jħallas l-appell mill-but tiegħu għaliex il-Kunsill ma setax joħroġ il-pagament għaliex is-SE kien indisport. Is-Sindku qiegħed jitlob rifuzzjoni ta' dawn l-ispejjes. Kien hemm qbil biex is-Sindku jieħu l-flus lura.

Is-SE irrimarka li setghet issejhet laqgha b'urgenza u ma kienx ikollna din is-sitwazzjoni. Konna ilna nafu li setgha isir appell u saret decizjoni li isir appell fl-ahhar gurnata meta hu kien bil-*vacation leave*. Il-Kunsilliera M. Aquilina irrimirkat li kien ikun aħjar li kienet titressaq Kunsill kif jiġri ssoltu. Il-Kunsillier P. Radmilli zied jgħid li l-proġett kien kontra r-regoli tal-ippjanar u b'hekk il-Kunsill kellu jdaħal appell.

61.5.7 Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa biex jiġu evitati kazijiet simili, li la darba joħroġ permess u jkun kontra l-policies, il-Kunsill jikteb u jinforma direttament lis-Segretarju tal-Bord b'hekk forsi jiġi evitat li jsir appell għaliex wieħed joqgħod attent iktar. F'kaz li dan jiġi ezentat, il-Kunsill jappella.

61.5.8 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal kaz fejn numru ta' applikazzjonijeit ta' zvilupp mhux qed jigu mitluba jghamlu kontribut tas-CPPS. Il-Kunsill qabel li sabiex jevita spejjes, ghandu l-ewwel jitlob kjarifika lill-PA, umbghad filkaz jikteb ukoll l-Ombudsman tal-Ippjanar, qabel jikkonsidra li jghamel appell.

*Daħal il-Kunsillier D. Muscat fit-20.22*
*Il-Kunsilliera P. Portelli u P. Radmilli ġew skuzati li jitilqu fit-20.24*

61.5.9 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal pagament tal-bulky refuse u fakkar li kellu jiġi nnotifikat il-pubbliku fuq *facebook* kemm jonfoq fix-xahar għal dan is-servizz. Fuq dan il-punt il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bzonn li l-Kunsill jiddiskuti l-ħinijiet tal-ġbir tal-bulky kif ukoll għandux jintefa fuq il-bankina jew le, għaliex qiegħed ikun hemm wisq skart goff li jingombra l-bankini speċjalment dawk li huma dojoq.

61.5.10 Is-SE irrefera għal pagament numru 96 u talab li ssir korrezzjoni fl-ammont u għandu jinqara Ewro 899.16 minnflok Ewro 587.64.

61.5.11 Is-SE irrefera għal pagament numru 97 u talab li ssir korrezzjoni fid-dekrizzjoni li tird tinqara '*benches outdoor gym*' minnflok refurbishment berga.

61.5.12 Is-SE ipprezenta sitt invoices dwar *refurbishment* tal-Berga. Kien hemm qbil li jithallsu ukoll.

61.5.13 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

**61.6 SUĠĠERIMENTI TAL-KUNSILLIERA**

61.6.1 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li fl-uffiċċju kellu titranga s-sistema tas-CCTV kif ukoll jkun il-monitor tal-ufficju ikun konness mal-cameras ta' Triq Bisazza. *Dvr fl-uffiċċju*

61.6.2 Il-Kunsillier J. Pillow ġibed l-attenzjoni li l-internet ta' Triq Bisazza huwa *slow*. Kien hemm qbil li jittella l-livell ta' *upload speed*. Internet Bisazza

61.6.3 Is-SE informa lill-Kunsill li ġie mistieden għall-kungress tal-UDITE fil-Portugal mal-ANSEK u qiegħed jitlob l-approvazzjoni għal *per diem allowance*. Kien hemm qbil għal dan. *Konferenza*

61.6.4 Il-Kunsillier M. Briguglio informa li hemm grupp ta' zgħazagħ li lesti li joffru *marine bins* lill-Kunsill, u talbu li jittieħed ritratt mal-Kunsill meta tkun se tingħata din l-offerta. Il-Kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa it-Tnejn fil-5pm. *Marine Bins*

61.6.5 Il-Kunsillier M. Briguglio tkellem dwar il bye law tal bicycle u jaħseb li għandna nimxu u jibda l-proċess il-Kunsill tas-Sliema, għaliex il-Kunsill ta' San Giljan m'għadhomx jaqblu ma din il-bye law. Il-Kunsill qabel. *Bicycle Lane*

61.6.6 Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lil Gvern għad-devoluzzjoni tal-*car park* tax-Xatt. *Car park – Ix-Xatt*

61.6.7 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk hemmx xi mod li nnaqqsu t-traffiku minn Tigne. Kien hemm suġġeriment li jitwaħħlu t-tabelli bħal ez. 'Delays Possible' . Kien hemm qbil. *Traffiku – Triq Tigne*

61.6.8 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li hemm ħajt fi Triq Dragut fejn Fort Cambridge u hemm ħafna ħmieġ.

61.6.9 Is-Sindku informa li ġie avviċċinat minn SOS Malta fejn qegħdin jipproponu li jkollhom muturu għall-anzjani biex ikunu mobbli. Din se tkun amministrata minnhom. Il-Kunsill qabel mal-prinċipju tal-proġett la darba l-Kunsill ma jkunx involut fi spejjes. *SOS Malta*

61.6.10 Il-Kunsillier D. Muscat saqsa jekk hux x'se jsiru attivitajiet tal-Milied. Is-SE informa li s-sena l-oħra l-Kunsill ħallas għal konsum tad-dawl. Is-Sindku qal li s-sena l-oħra kien hemm min ilmenta fuq is-sound tal-ispeakers li jitwaħħlu fit-toroq. Kien hemm qbil li din is-sena jiġu restritti l-ħinijiet. Is-SE ssuġġerixxa li l-Kunsill jista javviċina min irrid jagħti *sponsorship* u jagħmel xi riklam għal *events* tiegħu. Għandu jkun hemm aktar diskussjoni dwar attivitajiet. *Attivitajiet tal-Milied*

## 61.7 AGGORNAMENT

61.7.1 Is-seduta intemmet fl-21.30. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2016 fis-6pm

Minuti approvati llum

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**Anthony Chircop** **Matthew Dimech**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**